## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 22/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Donald Gilford**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Donald Gilford, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 152187M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar t'Awwissu, 2017 f'dawn il-Gzejjer Maltin naqas li jaghti lil Adeline Mercieca is-somma, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Jannar, 2018 li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' Donald Gilford, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2018, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena u, subordinarjament tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena, u tinfliggi minflok piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-kwerelanta bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant originarjament ressaq diversi aggravji fil-lanjanza tieghu tas-sentenza appellata. Fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2018, izda, wara li ddeponiet il-kwerelanta u kkonfermat illi kien hallas il-manteniment dovut fil-mori, l-appellant iritira l-aggravju dwar il-preskrizzjoni kif ukoll it-talba ghat-thassir tas-sentenza. B'hekk jifdal biss l-aggravju dwar il-piena;

2. Issa, kif kostantement deciz minn din il-Qorti, id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena mhux normali li tkun

rimpjazzata kemm il-darba il-piena erogata tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas jew aktar minn dik fil-fatt kominata. Is-sanzjoni mill-ewwel Qorti hija perfettament fil-parametri tal-ligi izda, ic-cirkostanzi tal-kaz inbiddlu bil-hlas tal-manteniment fil-mori b'tali mod li ghandu jitqies li intlahaq l-iskop tal-legislatur kif rifless fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali;

3. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-appell ghat-thassir tas-sentenza appellata, tilqa' t-talba ghal-varjazzjoni taghha u ghalhekk filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appelant hati, tirrevokaha f'dik il-parti li biha kkundannatu ghall-gimghatejn detenzzjoni u minflok tikkundannah ghall-twiddiba.